



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 18 ta' Frar 2013 (22.02)
(OR. en)**

**14828/12
ADD 1 REV 1**

**PV CONS 51
COMPET 611
RECH 365
ESPACE 40**

ADDENDUM għall-ABBOZZ TA' MINUTI

Suġġett: **It-3190 LAQGHHA TAL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
"KOMPETITTIVITÀ" (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju) li saret fil-
Lussemburgu, fl-10 u l-11 ta' Ottubru 2012**

PUNTI TA' DELIBERAZZJONI PUBBLIKA¹

Paġna

PUNTI "A" (dok. 14607/12 PTS A 78)

Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri ta' kumpanniji fit-tifsira tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 54 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, fir-rigward tal-formazzjoni ta' kumpanniji pubbliċi ta' responsabbiltà limitata u ż-żamma u l-bidla tal-kapital tagħhom, bil-għan li jagħmlu tali salvagwardji ekwivalenti (Riformulazzjoni) [L-ewwel qari] (AL+ D) 3

PUNTI FUQ L-AĠENDA (dok. 14450/12 OJ/CONS 50 COMPET 589 RECH 360 SPACE 38)

- Punt 3: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) 294/2008 li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) [L-ewwel qari]
Fajl interistituzzjonali: 2011/0384(COD) 7
- Punt 4: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni f'Orizzont 2020' – Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) [L-ewwel qari] Fajl
Interistituzzjonali: 2011/0399(COD) 7

o
o o

¹ Deliberazzjonijiet dwar l-atti legiſlattivi tal-Unjoni (l-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea), deliberazzjonijiet oħrajn miftuħin għall-pubbliku u dibattiti pubbliċi (l-Artikolu 8 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill).

DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

PUNTI "A"

Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri ta' kumpanniji fit-tifsira tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 54 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, fir-rigward tal-formazzjoni ta' kumpanniji pubbliċi ta' responsabbiltà limitata u ż-żamma u l-bidla tal-kapital tagħhom, bil-għan li jagħmlu tali salvagwardji ekwivalenti (Riformulazzjoni) [L-ewwel qari] (AL+ D)

PE-CONS 50/12 DRS 102 CODEC 1983 OC 444

+ REV 1 (lt)

Il-Kunsill approva l-emendi li jinsabu fil-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u adotta l-att propost emendat kif adatt, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 50(1) u (2)(g) TFUE).

Dikjarazzjoni konġunta mill-Kummissjoni u mill-Kunsill

"L-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 77/91/KEE indirizza fost oħrajn il-volatilità fuq terminu qasir tal-muniti nazzjonali kontra l-Unità Monetarja Ewropea (ECU) u ż-żmien meħtieġ għal adattament legiſlattiv fejn meħtieġ. Meta tiġi eżaminata l-konformità mal-Artikolu 6(1) ser jittieħed kont debitu ta' dawk il-kondizzjonijiet."

PUNTI FUQ L-AĠENDA

3. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) 294/2008 li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) [L-ewwel qari]

- Approċċ ġenerali parzjali
18090/11 RECH 418 COMPET 588 EDUC 285 CODEC 2305
+ REV 1(el)
14021/12 RECH 346 COMPET 567 EDUC 270 CODEC 2185
+ COR 1

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali parzjali kif jinsab fid-dok. 14851/12. **Għandu jiġi nnutat li l-Kummissjoni** daħħlet riżerva ġenerali dwar it-test kollu, sakemm tingħata l-opinjoni tal-Parlament Ewropew u jkun hemm progress fil-QFP.

4. **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi r-regoli għall-parteciċipazzjoni u d-disseminazzjoni f'Orizzont 2020' – Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) [L-ewwel qari]**

- Approċċ ġenerali parzjali
17934/11 RECH 411 COMPET 579 ATO 151 CODEC 2274
14295/12 RECH 356 COMPET 577 ATO 132 CODEC 2244

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali parzjali kif jinsab fid-dok. 14846/12 + COR 1 (fr, de, sk).

NL, PL u MT kienu kontra l-approċċ ġenerali parzjali, filwaqt li AT u l-Kummissjoni talbu sabiex id-dikjarazzjonijiet jiġu annessi għall-minuti tal-Kunsill. L-istqarrijiet kollha huma riprodotti fl-Anness għal dawn il-minuti.

Dikjarazzjoni mill-Awstrija

"L-Awstrija ssostni li l-qbil tagħha dwar l-approċċ ġenerali parzjali għar-regoli ta' parteciċipazzjoni tal-Orizzont 2020 ma jfisser l-ebda bidla fil-pożizzjoni fundamentali tagħha dwar il-finanzjament tar-riċerka li tuża ċelloli staminali tal-embrijoni tal-bniedem.

Għalhekk, l-Awstrija tixtieq tafferma mill-ġdid li hija ma tistax taċċetta l-possibbiltà tal-finanzjament tar-riċerka li tuża ċelloli staminali tal-embrijoni tal-bniedem, kif prevista fl-Artikolu 16 (4) tal-approċċ ġenerali parzjali għar-Regolament dwar l-Orizzont 2020."

Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni

"Il-Kummissjoni tirriżerva bis-sħiħ il-pożizzjoni tagħha dwar l-approċċ ġenerali parzjali. Ir-riżerva tagħha tirrigwarda b'mod partikolari: ir-referenza għal "parametri ... li jistgħu jitkejlu" fil-premessa dwar il-kriterji tal-għażla u l-għoti (nota 2 f'qiegħ il-paġna, Artikolu 14); il-premessa dwar il-proċedura għall-preżentazzjoni maqsuma f'żewġ stadji (**nota 3 f'qiegħ il-paġna, Artikolu 14**); il-verifika tal-kapaċità finanzjarja b'mezzi li huma kompatibbli mal-liġi nazzjonali (Artikolu 14.5); ir-referenza għat-tfassil tal-mudell tal-ftehimiet dwar l-għotja f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri (Artikolu 16.1a); ir-referenza għal 'f'każijiet debitament iġġustifikati' (Artikolu 16.6); l-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar l-għotja f'każijiet debitament iġġustifikati (Artikolu 17); l-inklużjoni fir-Regolament ta' obbligu għall-Kummissjoni li tippubblika linji gwida (Artikolu 20.2); l-Artikolu 22a dwar l-ispejjeż diretti eliġibbli tal-persunal; il-premessa li tirreferi għar-rati ta' rimborż ta' 100% jew 70% (nota 11 f'qiegħ il-paġna, Artikolu 23); l-inklużjoni ta' finanzjament ta' 100% għal entitajiet ġuridiċi mingħajr skop ta' qligħ għal azzjonijiet qrib is-suq (Artikolu 23.5); ir-rata fissa ta' 25% (Artikolu 24.1); il-kontribuzzjoni għall-Fond ta' Garanzija għall-Parteciċipanti ta' "sa 5%" (Artikolu 32.5); l-inklużjoni ta' konsiderazzjoni għall-bilanċ ġeografiku fl-għażla ta' esperti indipendenti (Artikolu 37.2); il-premessa dwar ir-riċiproċità (nota 14 f'qiegħ il-paġna, Artikolu 40.1)."

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni rigward l-Artikoli 3 u 4 fil-Programm Qafas għar-Riċerka ta' Orizzont 2020

"Hija l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tinkludi referenzi għal-liġi nazzjonali fil-ftehim dwar l-għotja rigward l-aċċess pubbliku għad-dokumenti u l-kunfidenzjalità, bil-ħsieb li jinsab bilanċ adatt bejn l-interessi differenti."

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Entitajiet kollettivi

"Hija l-intenzjoni tal-Kummissjoni li toffri gwida lill-parteċipanti fir-rigward tal-kwistjonijiet li huma jistgħu jindirizzaw fil-ftehim ta' konsorzju tagħhom. Waħda minn dawk il-kwistjonijiet tikkonċerna dispożizzjonijiet addizzjonali possibbli relatati mad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali (IPR) rigward l-involvement ta' partijiet terzi fl-azzjoni, b'mod partikolari fejn dawn il-partijiet terzi jwettqu parti importanti mill-ħidma."

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar linji gwida biex xi spejjeż indiretti jiġu trasferiti għal spejjeż diretti għal infrastrutturi kbar tar-riċerka

"Għal infrastrutturi kbar tar-riċerka, abbażi tal-aħjar Prattiki, il-Kummissjoni ser toħroġ linji gwida dwar kif xi spejjeż indiretti jistgħu jiġu trasferiti għall-ispejjeż diretti, jiġifieri fejn dawk l-ispejjeż jistgħu jiġu attribwiti direttament għall-proġett."

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-eliġibbiltà ta' VAT li ma jistax jiġi rkuprat b'referenza għall-Artikolu 22

"Il-Kummissjoni tfakkar li, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju li mistenni jkun applikabbli mill-1 ta' Jannar 2013 'il quddiem u l-att iddelegat tiegħu, meta t-taxxa fuq il-valur miżjud ("VAT") ma tkunx tista' tiġi rkuprata skont il-leġislazzjoni tal-VAT nazzjonali applikabbli, din hi spiża eliġibbli għall-korpi pubbliċi kollha meta dawn iwettqu attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni taħt kondizzjonijiet li mhumiex differenti minn dawk li japplikaw għall-korpi privati, meta ma jkunux qegħdin jaġixxu fil-funzjoni pubblika tagħhom."

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-eliġibbiltà tal-ispejjeż tal-persunal b'referenza għall-Artikolu 22

"Il-Kummissjoni tikkonferma li, fid-dawl tal-iżbalji marbutin mat-talba għall-ispejjeż tal-persunal taħt il-Programm Qafas 7, il-kriterji ġenerali dwar l-eliġibbiltà applikabbli għall-ispejjeż tal-persunal, b'mod partikolari dawk relatati mat-taxxi diretti u l-imposti soċjali, ser jiġu speċifikati fil-mudell tal-ftehim tal-għotja ta' Orizzont 2020, sabiex jiġu żgurati l-prevedibbiltà u l-istabbiltà tal-qafas regolatorju għall-parteċipanti u għall-perijodu kollu ta' Orizzont 2020.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tikkonferma li, bħalma hu l-każ taħt il-Programm Qafas 7, l-ispejjeż tal-persunal tal-amministrazzjonijiet nazzjonali ser jitqiesu bħala eliġibbli taħt Orizzont 2020, soġġett għar-Regoli ta' Parteċipazzjoni u r-Regolament Finanzjarju."

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-sigħat produttivi annwali u kif jiġu rreġistrati b'referenza għall-Artikolu 25

"Meta wieħed iqis il-potenzjal kbir għas-simplifikazzjoni b'rabta mat-trattament tal-ispejjeż tal-persunal, il-Kummissjoni tikkonferma li:

- (1) Fid-definizzjoni tal-metodu għall-istabbiliment tal-għadd ta' sigħat produttivi annwali li għandu jintuża biex jiġu kkalkulati r-rati fis-siegħa tal-persunal kif previst fl-Artikolu 25(3)(b), il-leġislazzjoni nazzjonali u/jew il-ftehimiet settorjali li japplikaw għall-parteċipant u l-prattiki ta' kontabbiltà tas-soltu tiegħu ser jiġu kkunsidrati kemm jista' jkun possibbli.
- (2) Fil-każ eċċezzjonali meta parteċipant ma jkunx jista' jagħti prova tas-sigħat proprja permezz ta' sistema ta' reġistrazzjoni tal-ħin, huwa ser jingħata l-permess jissostanzja l-ispiża mitluba b'mezzi raġonevoli oħrajn filwaqt li jagħti livell ekwivalenti ta' assigurazzjoni, li għandha tiġi vvalutata mill-Kummissjoni.
- (3) Rigward is-sistema tar-reġistrazzjoni tal-ħin, ir-rekwiżiti li japplikaw għall-parteċipant ser ikunu proporzjonati u limitati għall-elementi meħtieġa biex jiġu żgurati l-affidabbiltà u l-preċiżjoni tar-reġistrazzjoni tal-ħin."

=====